MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 815/2007

**Coleiro General Supplies Limited (C - 3429)**

**-vs-**

**L.K. Limited (32424)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet lis-socjetà konvenuta thallas il-hlas tas-somma t'elf, mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,118.10c) - (Lm480.00c) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq xiri t'apparat ikkonsenjat lis-socjetà konvenuta fuq ordni taghha stess, liema somma baqghet ma thallsitx mis-socjetà konvenuta minkejja diversi nterpellazzjonijiet lilha maghmula. Bl-ispejjez u interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjetà konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra in-nota prezentata fl-20 ta’ Mejju, 2008 li biha s-socjetà attrici rriduciet is-somma mitluba b’elf Euro (€1,000) u zammet ferm it-talba fir-rigward tal-bilanc ta’ mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€118.10).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici kif ridotta tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta’ mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€118.10c) - (Lm50.70c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------